# L-Istħarriġ tal-Pubblikaturi: 2022

NR 019/2024 Data tal-Ħruġ: 30 ta’ Jannar 2024

*Fl-2022, inħarġu b’kollox 545 ktieb ġdid mill-pubblikaturi attivi lokali tal-kotba.*



Stimi tal-Istħarriġ tal-Pubblikaturi juru li, fl-2022, l-għadd ta’ kotba ġodda maħruġin żdied b’5.2 fil-mija meta mqabbel mas-sena ta’ qabel (Tabella nru 1). Min-naħa tagħhom, l-ISBNs ġodda li nħarġu għall-pubblikaturi żdiedu b’7.2 fil-mija sabiex laħqu il-566. Fl-2022, 81.7 fil-mija ta’ dawn l-ISBNs ġodda nħarġu għall-pubblikaturi kbar, li għall-għanijiet ta’ din l-istqarrija tal-aħbarijiet huma kklassifikati bħala dawk li jkunu nħarġulhom 11-il ISBN jew aktar (Ċart nru 1).

## Ċart nru 1. L-għadd ta’ ISBNs ġodda bid-daqs tal-pubblikatur




L-Ingliż u l-Malti kienu l-lingwi li bihom ġew maħruġin il-biċċa l-kbira tal-kotba, bi 52.7 fil-mija tal-pubblikaturi joħorġu kotba b’kull waħda minn dawn iż-żewġ ilsna (Tabella nru 3).

Ir-riżultati tal-istħarriġ urew li, fl-2022, 78.2 fil-mija tal-pubblikaturi ħadmu ma’ tliet edituri jew inqas, filwaqt li 32.7 fil-mija minnhom ħadmu mingħajr ma involvew l-ebda editur (Tabella nru 5).

Dan l-istħarriġ wera li 63.6 fil-mija tal-pubblikaturi ħadmu f’tim ta’ nies. Għal 10.9 fil-mija ta’ dan l-għadd, dan it-tim kien magħmul minn kollaboraturi freelance, filwaqt li 23.6 fil-mija kellhom membri tat-tim interni u 29.1 fil-mija użaw taħlita taż-żewġ tipi ta’ membri tat-tim (Tabella nru 7).

B’mod konsistenti mal-ħarġiet tas-sentejn ta’ qabel f’din is-serje, il-biċċa l-kbira tal-pubblikaturi komplew jissieħbu ma’ tliet awturi jew inqas, b’60.0 fil-mija minnhom ikunu mqabbdin ma’ tliet kittieba jew inqas (Tabella nru 8).

## Ċart nru 2. Il-pubblikaturi bil-kategorija tagħhom




## Ċart nru 3. ISBNs ġodda maħruġin lill-pubblikaturi




Meta mqabbel mas-sena ta’ qabel, kienet irreġistrata żieda ta’ 31.2 fil-mija fil-bejgħ ta’ kotba stampati biex b’kollox laħqu 548 titlu, li minnhom 415-il titlu kienu pubblikazzjonijiet kummerċjali, filwaqt li 133 kienu pubblikazzjonijiet edukattivi. (Ċarts nri 4a u 4b).

## Ċart nru 4a. Kotba mibjugħin fil-forma diġitali




## Ċart nru 4b. Kotba mibjugħin fil-forma stampata




Dwar il-mezzi użati għall-bejgħ tal-kotba mill-pubblikaturi Maltin, instab li l-mezzi online kienu dawk l-aktar użati, b’total ta’ 437 titlu mibjugħin b’dan il-mod, kemm għall-qasam tal-kotba kummerċjali kif ukoll għall-kotba edukattivi (Ċart nru 6).

## Ċart nru 5. L-għadd ta’ kotba kummerċjali u edukattivi skont il-mezz li bih kienu mibjugħin

